**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 1339/01 AJD**

**John Caruana**

**vs**

**Anna Maria Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480.00), rappresentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ANA 264, fil-15 ta' April, 2001, gewwa San Giljan, habtet mal-vettura numru JAB 073 propjeta' ta' l-attur u ikkagunat danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident hija galih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uficjali tat-8 ta' Gunju, 2001, u tal-parir (Lm12.00), u tal-ittra ufficjali prezentata mal-Avviz tat-Talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, u bl-imghax mid-data tan-notifika tat-talba, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident mertu tal-kawza odjerna sehh minhabba traskuragni, negligenza u imperizja da parti ta' l-attur, li kien unikament

responsabbli ghall-istess incident.

2. Salv ececzzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota prezentata mill-attur fl-20 ta' Frar, 2002, fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm380.50).

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Carmen Caruana, ta' PS 500 John Griscti, tal-konvenuta u ta' Marco D'Agata. Ha konjizzjoni tal-affidavit ta' Marco D'Agata u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar, 2002, fejn il-konvenuta dddikjarat li hija kienet qed tikkontesta biss ir-responsabilita' ghall-incident u mhux il-'quantum' tad-danni.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-15 ta' April, 2001, fi Triq Sant'Andrija, San Giljan, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAB 073 misjuqa mill-attur John Caruana u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ANA 264 misjuqa mill-konvenuta Anna Maria Attard.

2. Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni JAB 073 fi Triq Sant'Andrija, San Giljan. Kien qed jipprocedi fuq il-karreggjata ta' barra, waqaf fit-'traffic lights' ghaliex id-dawl kien ahmar u malli d-dawl qaleb ghal ahdar kompla jipprocedi, izda appena mexa madwar 20 yarda, hass daqqa fuq in-naha tal-gemb ta' quddiem man-naha tax-xellug tal-vettura tieghu. L-attur isostni li huwa dejjem zamm fuq l-'outer lane'. Huwa kkonferma li fil-hin tal-incident kien hemm 'traffic jam' sostanzjali u cahad li kien qed jaghmel xi manuvra ta' surpass.

3. Illi Carmen Caruana, mart il-konvenut, ikkoroborat 'in toto' il-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija minn zewgha.

4. Illi l-konvenuta xehdet li kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni ANA 264 fi Triq Sant'Andrija, San Giljan, fuq l-'inner lane'. Hija riedet tbiddel il-karreggjata ghaliex xtaqet iddur lejn il-lemin, ghalhekk indikat li riedet taghmel din il-manuvra u dawret il-vettura taghha lejn il-lemin. Malli ghamlet din il-manuvra waqfet u meta l-vettura taghha kienet daqs nofsha fuq l-'outer lane' rat il-vettura tal-attur taqbez il-linja medjana tat-triq sabiex terga' tiehu l-posizzjoni fl-'outer lane'. Il-konvenuta ssostni li

fil-mument tal-impatt hija kienet wieqfa. Hija tghid ukoll li qabel ma ghamlet il-manuvra sabiex iddawwar il-vettura taghha lejn il-lemin, harset warajha izda l-vettura tal-attur ma rathiex.

5. Illi fil-verzjoni li tat il-konvenuta lis-surgent li nvestiga l-kaz (vide 'Road Accident Report' a fol. 25 et seq), hija kemm xejn differenti mix-xhieda taghha quddiem it-Tribunal. Fir-'Road Accident Report' hemm imnizzel li l-konvenuta qalet hekk:- "Driver stated that she was driving towards St. Andrews in the inner lane when for some unknown reason her car collided with the other car on her right side". Inoltre, s-surgent li nvestiga l-kaz fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Frar, 2002, jghid li "Meta jien staqsejt lill-konvenuta x'kienet ir-raguni li hija bidlet il-karreggjata, hija qaltli li hija ma tistax taghti spjegazzjoni ghal dan il-fatt".

6. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni li tat il-konvenuta 'a tempo vergine' tirrifletti kif effettivament graw l-affarijiet. Il-verzjoni li tat quddiem it-Tribunal m'hijiex verosimili fis-sens li ma jistax ikun li l-konvenuta harset warajha qabel ma bdiet tibdel il-karreggjata ghaliex kieku ghamlet hekk kienet tara l-vettura tal-konvenut li kienet qed tipprocedi fuq il-karreggjata ta' barra. Anki kieku wiehed kellu jemmen dak li qalet il-konvenuta u cioe' li l-attur kien qed jaqbez il-linja medjana tat-triq sabiex jeffetwa manuvra ta' sorpass, il-konvenuta bil-manuvra li ghamlet xorta wahda kienet qed timblokka l-karreeggjata li fiha kien qed jipprocedi l-attur.

7. l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra li ghamlet il-konvenuta meta dawret il-vettura taghha lejn il-lemin sabiex tbiddel il-karreggjata minghjar ma zammet 'a proper lookout' ghat-traffiku li kien qed jipprocedi fuq il-karreggjata ta' barra.

8. Illi jirrizulta ampjament pruvat li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza.

9. Illi in kwantu jirrigwarda d-danni reklamati mill-attur, huwa esebixxa l-ircevuti relattivi (a fol 13 et seq), u inoltre l-konvenuta fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2002, iddikjarat li ma kienitx qed tikkontesta l-'quantum' tad-danni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill.-istess konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm380.50) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz tat-Talba ai termini tal-Kap. 104, jithallsu nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**